Sommarju ta' Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-8 ta' Jannar 2016

li tiddikjara konċentrazzjoni kompatibbli mas-suq intern u t-tħaddim tal-Ftehim ŻEE

(Il-Każ M.7630 — FedEx/TNT Express)

(innotifikat skont id-dokument C(2015) 9826)

(Il-verżjoni bl-Ingliż biss hija awtentika)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2016/C 450/09)

Fit-8 ta' Jannar 2016 il-Kummissjoni adottat Deċiżjoni f'każ ta' fużjoni skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 tal-20 ta' Jannar 2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi [1]*, u partikolarment l-Artikolu 8(1) ta' dak ir-Regolament. Verżjoni mhux kunfidenzjali tad-Deċiżjoni sħiħa tista' tinstab fil-lingwa awtentika tal-każ fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kompetizzjoni, fl-indirizz li ġej: http://ec.europa.eu/comm/competition/index_en.html.*

I. IL-PARTIJIET

(1) Il-FedEx Corporation ("FedEx" - l-Istati Uniti tal-Amerika) tipprovdi lill-konsumaturi u lin-negozji madwar id-dinja b'firxa wiesgħa ta' servizzi ta' trasportazzjoni, ta' kummerċ elettroniku u tan-negozju. In-netwerk taż-ŻEE tal-FedEx għandu l-bażi ċentrali tal-ajru tiegħu f'Pariġi. TNT Express NV ("TNT" – Il-Pajjiżi l-Baxxi) hija attiva fis-setturi tal-konsenja ta' pakketti żgħar u tat-trasport tal-merkanzija. In-netwerk Ewropew tat-TNT għandu l-bażi ċentrali tal-ajru tiegħu fi Liège, il-Belġju.

II. L-OPERAZZJONI u D-DIMENSJONI TAL-UE

(2) Fis-7 ta' April 2015, FedEx u TNT ("il-Partijiet" jew "l-Entità Fuża") ħabbru l-ftehim kondizzjonali tagħhom fuq offerta pubblika minn FedEx għall-ishma kollha maħruġa u pendenti fil-kapital ta' TNT bil-għan li FedEx tikseb kontroll ta' TNT (it-"Tranżazzjoni").

(3) It-Tranżazzjoni tinvolvi l-akkwist tal-kontroll esklussiv ta' TNT minn FedEx u tikkostitwixxi konċentrazzjoni fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet"). Għandha dimensjoni tal-Unjoni skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

III. PROĊEDURA

(4) Fis-26 ta' Ġunju 2015, it-Tranżazzjoni ġiet innotifikata formalment lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 4 tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

(5) Fil-31 ta' Lulju 2015, il-Kummissjoni sabet li t-Tranżazzjoni qajmet dubji serji fir-rigward tal-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern u adottat deċiżjoni biex tibda proċedimenti skont l-Artikolu 6(1)(c) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet ("id-deċiżjoni biex jinfetħu proċedimenti").

(6) Il-Partijiet issottomettew il-kummenti tagħhom bil-miktub dwar id-deċiżjoni biex jinfetħu proċedimenti fit-12 ta' Awwissu 2015 u fl-istess jum, fuq talba tal-Partijiet, il-limitu ta' żmien sabiex tittieħed deċiżjoni finali dwar dan il-każ ġie estiż b'għoxrin jum ta' xogħol skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet.

(7) UPS ġie rikonoxxut bħala persuna terza interessata skont l-Artikolu 18(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet permezz ta' deċiżjoni tal-Uffiċjal tas-Seduta tal-21 ta' Ottubru 2015.

(8) L-investigazzjoni fil-fond tat lok biex jitwarrab it-tħassib dwar il-kompetizzjoni identifikat b'mod preliminari fid-deċiżjoni biex jinfetħu proċedimenti. L-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni ma ġiet adottata.

(9) L-abbozz ta' Deċiżjoni kien ġie diskuss mal-Istati Membri waqt il-Kumitat Konsultattiv fuq il-Konċentrazzjonijiet fil-11 ta' Diċembru 2015, li ta opinjoni favorevoli. L-Uffiċjal tas-Seduta ta l-opinjoni favorevoli tiegħu dwar il-proċedimenti fir-rapport tiegħu li ġie ppreżentat fit-18 ta' Diċembru 2015.

(10) Fit-8 ta' Jannar 2016, skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tiddikjara l-Fużjoni bħala kompatibbli mas-suq intern u mal-Ftehim taż-ŻEE (id-"Deċiżjoni").

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1.

IV. VALUTAZZJONI KOMPETITTIVA

A. Introduzzjoni

(11) Din id-Deċiżjoni tiffoka fuq is-suq għal servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar. Id-dupplikazzjonijiet potenzjali bejn l-attivitajiet tal-Partijiet fl-oqsma tat-trasport u d-dispaċċ tal-merkanzija ma jwasslux għal swieq affettwati.

(12) Kemm FedEx kif ukoll TNT huma fornituri ta' servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar kemm fiż-ŻEE kif ukoll miż-ŻEE lejn destinazzjonijiet li mhumiex fiż-ŻEE. It-tnejn huma magħrufa bħala "integraturi", jiġifieri għandhom kontroll operazzjonali shih fuq l-assi ta' trasport kollha, kopertura ġeografika sufiċjenti fuq livell globali, mudell operazzjonali hub and spoke, netwerk tal-IT ta' proprjetà tagħhom, u r-reputazzjoni li jipprovdu b'mod affidabbli pakketti żgħar fil-ħin (l-ħekk imsejħa l-kredibilità "end-to-end"). Iż-żewġ integraturi l-oħra huma d-DHL jew il-UPS.

B. Is-swieq rilevanti

Is-swieq tal-prodotti rilevanti

(13) Skont il-prattika deċiżjonali preċedenti tal-Kummissjoni [1], is-suq rilevanti għal servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar jinkludi l-konsenji taħt il-31,5 kg. Il-Kummissjoni tagħmel distinzjoni skont jekk il-pakketti miksuba f'pajjiż taż-ŻEE humiex fornuti fl-istess pajjiż (swieq domestiċi), għal pajjiżi differenti taż-ŻEE (fis-swieq internazzjonali fiż-ŻEE) jew lejn pajjiż barra ż-ŻEE (swieq tas-servizzi barra ż-ŻEE).

(14) F'każijiet preċedenti, b'mod partikolari meta jiġu vvalutati swieq internazzjonali fiż-ŻEE, il-Kummissjoni identifikat ukoll suq għal servizzi ta' konsenja express (bl-impenn ta' konsenja l-ġurnata ta' wara) bħala separat minn dak ta' servizzi ta' konsenja differiti/standard (b'perjodu ta' żmien itwal ta' impenji) [2]. Dawn is-sejbiet kienu bbażati fuq, fost l-oħrajn, il-fatt li ż-żewġ tipi ta' servizzi huma pprovduti bl-użu ta' infrastrutturi differenti, li numru sinifikanti ta' klijenti jiddependi fuq is-servizz ta' konsenja express u li s-servizzi ta' konsenja express huma wkoll konsiderevolment ogħla fil-prezz.

(15) F'dan il-każ, minħabba li l-Partijiet jikkoinċidu b'mod sostanzjali fil-forniment ta' servizzi barra miż-ŻEE, il-Kummissjoni wettqet stħarriġ estensiv f'dawn is-swieq mhux ivvalutati fid-dettall qabel.

(16) Fir-rigward tal-integraturi, kemm l-express barra miż-ŻEE (jiġifieri, l-aktar servizz ta' konsenja garantita rapidu possibbli) u vjeġġi ta' pakketti żgħar differiti (aktar bil-mod iżda xorta waħda affidabbli ħafna bil-ġurnata definita) essenzjalment jużaw l-istess netwerk u l-istess passi tal-katina tal-provvista (inkluż tqassim f'air-hubs, titjiriet twal u l-approvazzjoni doganali) dwar il-vjaġġ tagħhom lejn diversi destinazzjonijiet interkontinentali. Barra minn hekk, l-integraturi kollha huma f'kompetizzjoni diretta għaż-żewġ tipi ta' servizzi u kien hemm indikazzjonijiet li l-prezzijiet għal servizzi express u differiti barra miż-ŻEE jimxu flimkien, u dan ma jikkontradixxix il-possibilità li l-express u d-differiti jagħmlu parti mill-istess suq. Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni qieset lis-servizzi express u differiti bħala segmenti tal-istess suq ta' barra miż-ŻEE.

(17) Minn perspettiva ta' destinazzjoni, filwaqt li ħalliet miftuħa d-definizzjoni tas-suq tal-prodott, il-Kummissjoni vvalutat l-impatt tat-Tranżazzjoni kemm fuq bażi dinjija kif ukoll fuq bażi tar-rotot tal-kummerċ ewlenin (l-Amerika ta' Fuq, l-Amerika Ċentrali u l-Amerika t'Isfel, l-Afrika, l-Asja u l-Paċifiku, il-Lvant Nofsani u l-Bqija tal-Ewropa).

Is-swieq ġeografiċi rilevanti

(18) Fir-rigward tad-definizzjoni tas-suq ġeografiku, jiġifieri l-oriġini tal-konsenja, konformi mad-deċiżjoni fil-każ UPS/TNT, il-Kummissjoni kkonkludiet li s-suq express internazzjonali fiż-ŻEE huwa nazzjonali fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu. Il-valutazzjoni tal-impatt tat-Tranżazzjoni twettqet fuq livell nazzjonali għas-swieq tas-servizzi tal-konsenja ta' pakketti żgħar minn barra ż-ŻEE wkoll. Madankollu, minħabba l-karatteristiċi tan-netwerk tal-industrija u r-rwol kruċjali tan-netwerks bl-ajru għal konsenji interkontinentali, il-valutazzjoni kompetittiva fuq konsenji ta' pakketti żgħar barra miż-ŻEE inkludiet ukoll il-livell taż-ŻEE.

1. *Servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar fiż-ŻEE*

(19) Il-konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE ta' pakketti żgħar fiż-ŻEE hija industrija ta' netwerk, li teħtieġ preżenza fil-pajjiżi kollha taż-ŻEE. Il-preżenza meħtieġa ġġib magħha investimenti fl-infrastruttura matul il-katina kollha tal-valur (mill-ġbir, għat-tqassim, is-servizzi tal-linja, il-punti ċentrali, in-netwerk tal-ajru, l-ajruplani u l-konsenja). L-integraturi jkollhom l-aktar kontroll strett fuq in-netwerk tagħhom u huma l-uniċi li għandhom netwerk express mingħajr xkiel li jkopri l-pajjiżi kollha taż-ŻEE. Fil-valutazzjoni tas-saħħa kompetittiva bejn id-diversi kategoriji ta' kompetituri tal-Partijiet fis-swieq express internazzjonali fiż-ŻEE, il-Kummissjoni kkonstatat, skont ir-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq, li l-fornituri ta' konsenja ta' pakketti żgħar mhux integrati ġeneralment jeżerċitaw

[1] Ara, pereżempju, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Jannar 2013 fil-Każ M.6570 - UPS/TNT Express, minn hawn' il quddiem ("UPS/TNT"), il-premessa 164.

[2] Ara, fost l-oħrajn, UPS/TNT, premessa 219.

restrizzjoni kompetittiva dgħajfa fuq il-Partijiet. Għalhekk, il-Kummissjoni adottat approċċ konservattiv u llimitat il-valutazzjoni kompetittiva tal-effetti tal-konċentrazzjoni fuq servizzi ta' konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE fil-pajjiżi differenti taż-ŻEE fuq ir-restrizzjonijiet kompetittivi li l-erba' integraturi jeżerċitaw fuq xulxin.

(a) Il-pożizzjoni fis-suq tal-Entità Fuża fuq servizzi ta' konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE tas-swieq tkun moderata

(20) Minħabba l-limitazzjonijiet inerenti tad-dejta tas-sehem mis-suq ippreżentata minn FedEx għall-iskopijiet tal-valutazzjoni kompetittiva f'dan il-każ u skont l-approċċ tal-Kummissjoni fil-każ UPS/TNT, il-Kummissjoni għamlet eżerċizzju ta' rikostruzzjoni tas-suq. Fil-livell taż-ŻEE, l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' inqas minn 30 %. Se jkun xorta waħda l-inqas wieħed mit-tliet integraturi li jibqa' u b'hekk fit-tielet post wara li DHL u UPS. Fuq livell tal-pajjiżi, l-Entità Fuża ma jkollhiex sehem mis-suq ta' aktar minn 40 % abbażi ta' ċifri tal-2014 u ma tkun fl-ewwel post fl-ebda wieħed mit-30 suq nazzjonali fiż-ŻEE investigati ([1]).

(b) FedEx u TNT mhumiex kompetituri partikolarment qrib ta' xulxin rigward servizzi ta' konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE

(21) Għalkemm kemm FedEx kif ukoll TNT huma integraturi u għalhekk jikkompetu ma' xulxin fil-qasam ta' servizzi ta' konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE fit-30 suq nazzjonali fiż-ŻEE, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-Partijiet mhumiex kompetituri partikolarment mill-qrib.

(22) Minn naħa, in-negozju tal-FedEx jiffoka fuq klijenti bi ħtiġijiet ta' konsenja barra miż-ŻEE sinifikanti. Il-maġġoranza tad-dħul express fiż-ŻEE internazzjonali tal-FedEx huwa derivat minn konsumaturi li jkunu xtraw mingħandha ukoll servizzi ta' konsenja barra miż-ŻEE. L-enfasi ta' FedEx fuq il-klijenti express fiż-ŻEE internazzjonali b'rekwiżiti sinifikanti tal-konsenja *extra*-ŻEE huwa bbażat fuq il-kapaċità limitata tagħha li tikkompeti b'suċċess għal klijenti ta' servizzi express indipendenti intra-Ewropej jew klijenti li jixtiequ jiksbu kemm servizzi express internazzjonali kif ukoll servizzi nazzjonali/internazzjonali fiż-ŻEE ta' konsenja differita mill-istess fornitur. Dawn il-limitazzjonijiet huma dovuti għan-netwerk aktar dgħajjef tal-FedEx madwar iż-ŻEE. Dan in-netwerk aktar dgħajjef jittraduċi ruħu fil-kopertura ġeografika iżgħar tal-FedEx għas-servizzi express differenti, dgħufija relattiva fil-forniment ta' servizzi differiti u domestiċi fuq skala akbar, u f'bażi tal-ispejjeż ogħla li tirriżulta minn ekonomiji ta' skala u ta' densità aktar baxxi, li jagħmlu l-FedEx ħafna inqas kompetittiva għal konsenji express internazzjonali fiż-ŻEE. Dan imbagħad jissarraf f'pożizzjoni dgħajfa fis-suq fir-rigward ta' TNT u ż-żewġ integraturi l-oħra u huwa konsistenti mal-enfasi tal-FedEx fuq konsenji barra miż-ŻEE.

(23) Min-naħa l-oħra, TNT tiffoka fuq kljienti bi ħtiġijiet internazzjonali indipendenti u internazzjonali fiż-ŻEE u ħtiġijiet ta' konsenja domestiċi/differiti. Għall-kuntrarju ta' FedEx, TNT għandha preżenza sostanzjali Ewropea bbażata fuq it-triq u preżenza aktar effiċjenti tan-netwerk tal-ajru u proporzjon ogħla ta' bejgħ fis-segment domestiku u dak differit. Proporzjon limitat tad-dħul tagħha huma derivati minn klijenti bi ħtiġijiet ta' konsenja barra miż-ŻEE. Dejta dwar il-bejgħ ta' TNT turi li parti kbira mid-dħul express fiż-ŻEE ta' TNT fl-Ewropa huwa ġġenerat ma' klijenti li jixtru wkoll servizzi ta' konsenja domestiċi u/jew internazzjonali differiti fiż-ŻEE mingħand TNT. B'kuntrast, TNT kellha inqas suċċess biex tattira klijenti express internazzjonali fiż-ŻEE li jirrikjedu wkoll servizzi ta' konsenja internazzjonali barra miż-ŻEE.

(24) Id-dokumenti interni tal-Partijiet ikkonfermaw ukoll li huma ma jarawx lil xulxin bħala kompetituri mill-qrib ħafna. Barra minn hekk, maġġoranza ċara fost il-klijenti tal-Partijiet ukoll ma jarawx lill-Partijiet bħala kompetituri mill-qrib ħafna (eż. f'termini tal-prezzijiet, il-firxa u l-kwalità tas-servizzi, l-affidabilità, il-firxa ġeografika, traċċar u rintraċċar eċċ.). Barra minn hekk, il-konsumaturi jqisu lil FedEx bħala aktar dgħajfa mit-tliet integraturi l-oħra fis-swieq għas-servizzi ta' konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE.

(25) Fl-aħħar nett, minkejja għadd ta' limitazzjonijiet li ġew identifikati, l-analiżi ta' offerti sottomessi mill-Partijiet ipprovdiet konferma ulterjuri li l-FedEx hi kompetitur aktar dgħajjef għal TNT milli DHL u UPS.

(c) Il-fużjoni ma teliminax qawwa kompetittiva importanti

(26) Il-Kummissjoni kkunsidrat li TNT ma għandhiex kwalitajiet speċifiċi li jippermettulha teżerċita pressjoni kompetittiva sinifikanti fuq l-integraturi l-oħra li tista' tirriżulta fi tnaqqis ta' kompetizzjoni wara t-Tranżazzjoni. L-ewwel nett, il-pożizzjoni tal-kost tal-express internazzjonali fiż-ŻEE ta' TNT mhijiex aktar favorevoli mill-pożizzjoni tal-kost ta' DHL u UPS. Min-naħa l-oħra, TNT ma kinitx kapaċi tespandi l-pożizzjoni tagħha fis-suq għad-detriment tal-integraturi l-oħra f'dawn l-aħħar snin. It-tielet, il-Kummissjoni setgħet tivverifika b'mod empiriku li TNT ma tistax titqies bħala stipulant tal-prezzijiet aggressiv fis-suq internazzjonali express fiż-ŻEE. Ir-raba', l-enfasi ta' TNT f'dawn l-aħħar snin ma kenitx fuq li tinvesti b'mod sinifikanti fin-netwerk tagħha, iżda pjuttost fuq li tikkonsolida s-servizzi tagħha. Għaldaqstant, ma jistax jingħad li hija kienet entità innovatriċi f'termini tal-espansjoni tan-netwerk f'dawn l-aħħar snin.

([1]) Hemm 31 pajjiż taż-ŻEE. Madankollu, il-Partijiet ma setgħux jipprovdu dejta għal-Liechtenstein.

(d) DHL u UPS ikunu f'pożizzjoni li jillimitaw l-Entità Fuża wara t-Tranżazzjoni

(27) Minkejja l-fatt li n-nonintegraturi, b'mod partikolari l-operaturi bbażati fit-triq b'netwerk kbir bħal DPD u GLS, jeżerċitaw ċerta pressjoni kompetittiva fuq l-Entità Fuża skont is-suq nazzjonali, il-Kummissjoni għażlet approċċ konservattiv u llimitat għal DHL u UPS l-analiżi tagħha dwar jekk il-kompetituri tal-Entità Fuża hux se jkollhom effett restrittiv fuq il-prezzijiet.

(28) L-ewwel nett, l-Entità Fuża se tiffaċċa żewġ kompetituri b'saħħithom u kapaċi. Fuq il-bażi tar-riżultati tar-rikostruzzjoni tas-suq tal-Kummissjoni, DHL se tibqa' fuq quddiem fis-suq, segwita minn UPS. Meta ġew mistoqsija jekk wara li ssir it-tranżazzjoni jkunx hemm biżżejjed alternattivi vijabbli għall-ħtiġijiet ta' konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE tagħhom, il-maġġoranza l-kbira tal-klijenti wieġbu li dan kien il-każ. Kemm UPS kif ukoll DHL kienu indikati bħala alternattiva vijabbli għall-Entità Fuża, wara li tkun saret it-Tranżazzjoni.

(29) It-tieni nett, il-klijenti jistgħu jipproteġu lilhom infushom kontra żieda eventwali ipotetika fil-prezz mill-Entità Fuża billi jaqilbu għal fornitur ieħor. Il-maġġoranza l-kbira tal-konsumaturi ta' servizzi ta' konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE jużaw bosta sorsi, u l-bdil bejn il-forniturі huwa faċli.

(30) It-tielet, DHL u UPS jistgħu faċilment iżidu l-provvista ta' servizzi tagħhom f'każ ta' żieda fil-prezz ipotetika wara t-tranżazzjoni mill-Entità Fuża u b'hekk jaqdu d-domanda addizzjonali mingħajr ma jeħlu spiża addizzjonali materjali.

(e) Il-maġġoranza ċara tal-konsumaturi ma wrew ebda tħassib dwar it-Tranżazzjoni

(31) Il-maġġoranza l-kbira tal-klijenti li wieġbu għall-investigazzjoni tas-suq tal-ewwel u t-tieni fażi tal-Kummissjoni esprimew fehma newtrali jew saħansitra pożittiva dwar l-effett globali tat-tranżazzjoni fuq is-suq internazzjonali fiż-ŻEE għal servizzi ta' konsenja express ta' pakketti żgħar.

(f) L-analiżi tal-konċentrazzjoni tal-prezzijiet ma kenitx konklużiva

(32) Sabiex tiġi żgurata konsistenza sħiħa mal-analiżi kwantitattiva mwettqa fil-każ UPS/TNT, il-Kummissjoni applikat analiżi tal-konċentrazzjoni tal-prezzijiet biex tevalwa l-impatt tal-prezz possibbli tat-Tranżazzjoni proposta fuq il-prezzijiet tal-FedEx u, konsegwentement, fuq il-prezzijiet ta' TNT. Il-Kummissjoni sabet li ż-żidiet fil-prezz stmati mill-mudell ma kinux statistikament sinifikanti. Għalhekk, ir-riżultati tal-analiżi tal-konċentrazzjoni tal-prezzijiet ma setgħux jintużaw b'mod affidabbli bħala prova favur jew kontra l-istabbiliment ta' impediment sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva.

(g) Il-fużjoni se twassal għal effiċjenzi

(33) Il-FedEx issostni li effiċjenzi sinifikanti jirriżultaw mit-Tranżazzjoni, b'mod partikolari mill-integrazzjoni tal-operazzjonijiet relattivament ineffiċjenti tal-FedEx fin-Netwerk Ewropew tat-TNT. Il-kategoriji prinċipali ta' effiċjenzi li jaffettwaw is-servizzi express fiż-ŻEE kienu l-iffrankar tal-ispejjeż mill-ġbir u l-konsenja (PUD) u l-iffrankar tal-ispejjeż tan-netwerk tal-ajru. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta lilha, il-Kummissjoni kkonkludiet li parti mill-iffrankar iddikjarat tal-ispejjeż tal-PUD u parti mill-iffrankar iddikjarat tal-ispejjeż tan-netwerk tal-ajru (wara t-trasferiment) jikkwalifikaw bħala effiċjenzi rilevanti speċifiċi għall-fużjoni li ma jistgħux jinkisbu sal-istess punt permezz ta' alternattivi inqas anti-kompetittivi. Iż-żmien għat-twettiq tal-effiċjenzi identifikati kien stmat għal tliet snin. Anke li kieku r-riżultati ta' analiżi tal-konċentrazzjoni tal-prezzijiet tal-Kummissjoni kienu statistikament sinifikanti, l-effiċjenzi tal-PUD assoċjati mat-Tranżazzjoni kienu aktar milli jikkumpensaw iż-żidiet fil-prezz stmati għall-klijenti ta' FedEx fi kwalunkwe wieħed mis-swieq nazzjonali għal servizzi ta' konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE.

(h) Konklużjoni

(34) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Tranżazzjoni ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fl-ebda wieħed mit-30 suq nazzjonali għall-forniment ta' servizzi ta' konsenja express internazzjonali fiż-ŻEE.

2. *Servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar barra miż-ŻEE. Valutazzjoni ġenerali*

(35) Għadd ta' operaturi jipprovdu servizzi barra miż-ŻEE, li fosthom hemm l-erba' integraturi, operaturi postali nazzjonali, burdnara u kumpaniji oħra tal-kurjers. Bl-istess mod bħall-express fiż-ŻEE, l-express barra miż-ŻEE hija wkoll industrija ta' netwerk li tinvolvi investimenti fl-infrastruttura matul il-katina kollha tal-valur u li tirrikjedi li l-operaturi jiżguraw preżenza fil-pajjiżi kollha ewlenin taż-ŻEE u r-rotot dinjija ewlenin kollha, jiġifieri l-Amerika ta' Fuq, l-Amerika Ċentrali u l-Amerika t'Isfel, l-Afrika, l-Asja u l-Paċifiku, il-Lvant Nofsani u l-bqija tal-Ewropa. Billi l-integraturi għandhom kontroll strett fuq in-netwerk tagħhom u huma l-uniċi li għandhom netwerk express mhux interrott li jkopri l-pajjiżi taż-ŻEE kollha, l-atturi mhux integrati jeżerċitaw biss restrizzjoni kompetittiva limitata

fuq integraturi. Il-Kummissjoni għalhekk, bl-istess mod għas-servizzi express, ivvalutat l-impatt tat-Tranżazzjoni fuq l-aktar bażi konservattiva, b'kunsiderazzjoni biss tar-restrizzjoni kompetittiva eżerċitata fuq l-Entità Fuża mill-integraturi l-oħra fid-diversi swieq possibbli għall-konsenji barra miż-ŻEE. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet stabbiliti hawn taħt, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Tranżazzjoni ma twassal għal impediment sinifikanti għall-kompetizzjoni effettiva fl-ebda wieħed mit-30 suq nazzjonali ta' pakketti żgħar għal konsenji *extra*-ŻEE lejn is-swieq dinjija jew lejn xi wieħed mis-swieq nazzjonali għal konsenji barra miż-ŻEE lejn is-sitt rotot dinjija ewlenin.

(a) Il-pożizzjoni fis-suq tal-Entità Fuża tkun moderata fis-swieq għal servizzi ta' konsenja barra miż-ŻEE

(36) Il-Kummissjoni għamlet eżerċizzju ta' rikostruzzjoni tas-suq ibbażat fuq id-dejta tad-dħul ipprovduta mill-erba' integraturi, fid-dawl tal-evalwazzjoni tas-saħħa tas-suq relattiv tagħhom (i) fit-30 suq nazzjonali għal konsenji internazzjonali barra miż-ŻEE minn pajjiż taż-ŻEE lejn id-dinja; u (ii) fis-swieq nazzjonali għal konsenji internazzjonali barra miż-ŻEE minn kull wieħed mit-30 pajjiż taż-ŻEE għal kull waħda mis-sitt rotot kummerċjali dinjin ewlenin. Il-Kummissjoni analizzat ukoll l-impatt tat-Tranżazzjoni fuq is-swieq nazzjonali taż-ŻEE kollha b'mod aggregat, jiġifieri għal konsenji barra miż-ŻEE lejn id-dinja u lejn is-sitt rotot ta' destinazzjoni ewlenin miż-ŻEE.

(37) Meta wieħed iħares lejn kull wieħed mit-30 suq nazzjonali għall-konsenji barra miż-ŻEE lejn id-dinja u lejn is-sitt rotot ta' destinazzjoni ewlenin, is-sehem mis-suq kombinat tal-Partijiet huwa pjuttost moderat fil-biċċa l-kbira tas-swieq plawżibbli għal servizzi ta' konsenja barra miż-ŻEE. Meta ħarset lejn is-swieq nazzjonali għal konsenji barra miż-ŻEE lejn id-dinja, il-Kummissjoni kkonkludiet li wara t-Tranżazzjoni l-pożizzjoni relattiva tal-Entità Fuża fil-biċċa l-kbira tat-30 suq nazzjonali għall-konsenji barra miż-ŻEE lejn id-dinja tkun pjuttost moderata. Is-sehem mis-suq ikkombinat tal-Partijiet ikun jaqbeż l-40 % u ż-żieda tat-Tranżazzjoni tkun ogħla minn 5 % biss fi tliet swieq nazzjonali, jiġifieri l-Ungerija, l-Estonja u l-Latvja. Fl-aħħar nett, fis-swieq nazzjonali għall-konsenji barra miż-ŻEE lejn ir-rotot dinjija ewlenin, il-Partijiet ikollhom sehem mis-suq ikkombinat ta' aktar minn 40 % u ż-żieda tkun ta' aktar minn 5 % f'għaxar swieq nazzjonali.

(b) Fost l-integraturi, il-Partijiet mhumiex kompetituri partikolarment qrib ta' xulxin fis-swieq għas-servizzi ta' konsenja barra miż-ŻEE

(38) Il-Partijiet mhumiex kompetituri partikolarment qrib ta' xulxin għal diversi raġunijiet. L-ewwel nett, il-pożizzjoni relattiva ta' TNT hija aktar dgħajfa fost l-integraturi fis-suq totali għall-konsenji barra miż-ŻEE u fil-biċċa l-kbira tas-subsegmenti possibbli tiegħu. Dan jirriżulta mill-fatt li TNT tiffoka l-aktar fuq l-Ewropa, għall-kuntrarju tat-tliet integraturi l-oħra li huma atturi globali. Parti kbira mid-dħul ta' TNT huwa ġġenerat permezz tal-forniment tas-servizzi ta' konsenja fl-Ewropa jew minn/lejn l-Ewropa filwaqt li għat-tliet integraturi l-oħra, il-parti tal-attività tagħhom marbuta mal-Ewropa tirrappreżenta sehem żgħir ħafna min-negozju kollu tagħhom. Dan jgħodd b'mod partikolari fil-każ ta' FedEx. Perċentwal ferm iżgħar mid-dħul totali tagħha huwa ġġenerat minn servizzi mhux minn/lejn l-Ewropa, filwaqt li dan il-perċentwal huwa stmat ogħla għall-integraturi l-oħra. Barra minn hekk, mid-dħul ta' TNT li jiġi ġġenerat fl-Ewropa, perċentwal żgħir biss jirrigwarda l-forniment ta' servizzi barra miż-ŻEE.

(39) It-tieni, TNT għandha netwerk tal-ajru limitat ħafna meta mqabbla mal-integraturi l-oħra. Għall-kuntrarju tat-tliet integraturi l-oħra li jużaw netwerk tal-ajru estensiv tagħhom stess għall-konsenji barra miż-ŻEE tagħhom, TNT tuża biss erba' inġenji tal-ajru u tixtri l-kapaċità mingħand linji tal-ajru kummerċjali jew tal-merkanzija għall-konsenji l-oħra kollha tagħha. FedEx, min-naħa l-oħra, tuża netwerk ta' 17-il inġenju tal-ajru tagħha stess għas-servizzi ta' konsenja tagħha barra miż-ŻEE. L-użu ta' netwerk tal-ajru proprju joffri vantaġġi sinifikanti għal integratur, inkluż, pereżempju, aktar ċertezza dwar il-kapaċità disponibbli u l-istruttura tal-ispejjeż kif ukoll prestazzjoni ta' servizz aħjar għaliex jippermetti konnettività mingħajr intoppi, anqas movimenti tal-pakketti ż-żgħar u anqas punti ta' mmaniġġar. L-ambitu limitat tan-netwerk tal-ajru ta' TNT barra miż-ŻEE huwa fl-istess ħin riflessjoni tad-dgħufija relattiva tagħha fis-swieq tal-konsenji barra miż-ŻEE meta mqabbla mat-tliet integraturi l-oħra u restrizzjoni fuq il-kapaċità tagħha li tikkompeti fuq l-istess livell magħhom.

(40) It-tielet, wara li analizzat id-dejta tal-offerti tal-Partijiet u b'mod partikolari dawk ta' FedEx fuq konsenji barra miż-ŻEE, il-Kummissjoni identifikat li TNT dehret bħala kompetitur aktar dgħajjef ta' FedEx għal opportunitajiet barra miż-ŻEE meta mqabbla ma' DHL u UPS. DHL dehret bħala l-kompetitur ewlieni ta' FedEx u UPS u TNT jiġu t-tieni u t-tielet rispettivament. B'mod aktar speċifiku, DHL dehret bħala l-kompetitur tal-FedEx aktar minn tliet darbiet aktar minn TNT.

(41) Ir-raba', l-investigazzjoni tas-suq tal-Kummissjoni kkonfermat li l-Partijiet mhumiex l-eqreb kompetituri ta' xulxin.

(42) Għalhekk, fis-swieq għal servizzi ta' konsenja barra miż-ŻEE, il-Kummissjoni kkonkludiet li TNT ma tistax titqies bħala kompetitur partikolarment mill-qrib ta' FedEx.

(c) It-Tranżazzjoni ma teliminax qawwa kompetittiva importanti

(43) TNT hija l-aktar dgħajfa mill-erba' integraturi f'dak li għandu x'jaqsam ma' konsenji barra miż-ŻEE u ma tistax tiġi kkunsidrata bħala qawwa kompetittiva importanti li se titneħħa permezz tat-Tranżazzjoni. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq ta' TNT ma żdiedx b'mod sinifikanti matul dawn l-aħħar snin minħabba xi strateġija aggressiva. Minbarra dan, TNT ssegwi mudell kummerċjali simili ħafna għal dak tal-integraturi l-oħra fir-rigward tal-forniment tagħha ta' servizzi barra miż-ŻEE, is-servizzi u l-prezzijiet tagħha huma għalhekk paragunabbli ma' dawk tar-rivali tagħha. Barra minn hekk, TNT ma jidhirx li titlob prezzijiet ħafna aktar baxxi mill-integraturi l-oħra u ma tiffokax fuq li tkun fornitur bl-irħis fil-pjan tan-negozju u tal-kummerċjalizzazzjoni tagħha; minflok, hija tipprijoritizza l-affidabilità tagħha, il-kwalità tas-servizz lill-klijent u l-flessibbiltà.

(d) L-Entità Fuża tkun kostretta mill-kompetituri tagħha wkoll wara t-Tranżazzjoni

(44) L-ewwel nett, l-erba' integraturi kollha diġà għandhom impatt globali, u joffru servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar għal aktar minn 220 pajjiż fid-dinja. Dawn kollha għandhom għalhekk diġà aċċess għal bażi ta' klijenti li tirrikjedi servizzi barra miż-ŻEE. Barra minn hekk, l-integraturi kollha għandhom il-kapaċità li jorganizzaw jew direttament jew permezz ta' partijiet terzi kontraenti, il-ġbir ta' pakketti żgħar mill-pajjiżi kollha taż-ŻEE, li jorganizzaw it-trasferiment ta' pakketti żgħar fir-rotta tad-destinazzjoni u minn dak il-punt, it-twassil fid-destinazzjoni.

(45) It-tieni, fid-dawl ta' dak li ntqal hawn fuq, ukoll jekk integratur ikollu sehem kemxejn aktar baxx f'suq speċifiku għall-konsenji barra miż-ŻEE, dan ma jindikax dgħufija inerenti sabiex joffri s-servizz minn dak is-suq. Fil-fatt, fil-każijiet kollha fejn is-sehem ta' integratur partikolari jkun limitat f'suq ta' prodott/destinazzjoni speċifiċi, iżda jkun ħafna ogħla fi swieq tal-prodotti/destinazzjonijiet oħrajn għal konsenji mill-istess pajjiż tal-oriġini taż-ŻEE, dan l-integratur għalhekk ikun qiegħed f'pożizzjoni li jipprovdi servizzi barra miż-ŻEE minn dak il-pajjiż tal-oriġini. B'mod simili, fil-każijiet kollha li fihom integratur ikollu sehem limitat f'suq speċifiku barra miż-ŻEE, iżda jkollu ishma ferm ogħla għall-konsenji lejn dik id-destinazzjoni minn pajjiżi oħra taż-ŻEE tal-oriġini, dan l-istess integratur għalhekk jista' jipprovdi servizzi ta' konsenja barra miż-ŻEE lejn dik id-destinazzjoni.

(46) It-tielet, ma hemmx restrizzjoni fuq il-kapaċità fir-rigward tas-servizzi barra miż-ŻEE. L-integraturi kollha għandhom l-esperjenza fit-trattament tal-varjazzjonijiet fid-domanda u għandhom it-tendenza li joperaw b'marġni li jippermettilhom li jassorbu volumi addizzjonali. Jistgħu wkoll faċilment iżidu l-kapaċità tat-trasport bl-ajru jew in-netwerk tat-triq tagħhom jekk ikun hemm bżonn u fil-passat għamlu dan, sabiex jakkomodaw klijenti kbar ġodda.

(47) Ir-raba', il-klijenti jistgħu faċilment jibdlu l-fornitur ta' servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar barra ż-ŻEE. Ħafna minnhom diġà jużaw bosta sorsi fost l-integraturi jew fornituri oħra u l-kuntratti tagħhom ma fihomx klawżoli ta' esklussività. Il-kapaċità tal-konsumaturi li jżidu l-volumi li jikkunsinjaw permezz ta' UPS u DHL, għalhekk tillimita lill-Entità Fuża wkoll wara li tkun saret it-Tranżazzjoni.

(48) Fl-aħħar nett, in-nonintegraturi wkoll jeżerċitaw xi pressjoni kompetittiva, b'mod partikolari b'rabta ma' servizzi differiti barra miż-ŻEE.

(e) Maġġoranza ċara tal-klijenti u tal-kompetituri ma esprimew l-ebda tħassib

(49) Il-maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu għall-istħarriġ tas-suq tal-Kummissjoni kienu tal-fehma li t-tranżazzjoni se tgħaqqad flimkien il-ħiliet kumplimentari ta' FedEx, fis-swieq barra miż-ŻEE, u ta' TNT, fis-swieq għal servizzi ta' konsenja fiż-ŻEE. Speċifikament fis-swieq barra miż-ŻEE, il-maġġoranza relattiva ta' dawk li wieġbu qiesu li l-impatt tat-Tranżazzjoni jkun pożittiv, segwiti minn dawk li qiesu li jkun newtrali.

(f) It-Tranżazzjoni twassal għal effiċjenzi

(50) It-Tranżazzjoni twassal ukoll għal effiċjenzi sinifikanti fis-swieq għal servizzi ta' konsenja barra miż-ŻEE. Dawn ikunu primarjament iġġenerati minn iffrankar fl-ispejjeż tal-Entità Fuża, li jirriżulta mill-integrazzjoni tal-volumi kollha tagħha fin-netwerk bl-anqas spejjeż jew ta' FedEx jew ta' TNT. B'riżultat ta' dan, il-volumi kollha jkunu ttrasportati permezz tan-netwerk orħos ta' TNT fiż-ŻEE fl-oriġini u jitwasslu permezz tan-netwerk b'anqas spejjeż ta' FedEx jew ta' TNT fid-destinazzjoni. Huwa mistenni li se jiġu rrealizzati sinerġiji ulterjuri, hekk kif it-titjiriet interkontinentali jmorru għand FedEx maż-żmien. B'mod simili għall-approċċ tagħha għal fiż-ŻEE, il-Kummissjoni vvalutat il-verifikabbiltà ta' dawn l-effiċjenzi, l-ispeċifiċità tagħhom għall-fużjoni u l-abbiltà li jintużaw għall-benefiċċju tal-konsumaturi u kkonkludiet li t-tranżazzjoni tirriżulta f'effiċjenzi rilevanti skont it-test fuq tliet livelli stabbilit fil-Linji Gwida dwar il-Fużjonijiet Orizzontali.

3. *Servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar barra miż-ŻEE: Analiżi pajjiż b'pajjiż*

(51) Skont ir-riżultati tar-rikostruzzjoni tas-suq mill-Kummissjoni, l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq kombinat ta' aktar minn 40 % u t-Tranżazzjoni twassal għal żieda ta' aktar minn 5 % fuq 13-il rotta potenzjali għal konsenji barra miż-ŻEE. Dawn is-swieq jikkorrispondu għal konsenji barra miż-ŻEE minn seba' pajjiżi differenti taż-ŻEE, jiġifieri l-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta u s-Slovakkja. Għall-Belġju, il-Bulgarija, l-Estonja u Malta, dawn is-swieq ikunu għal konsenji barra miż-ŻEE lejn l-Amerika ta' Fuq. Għal-Latvja, ikunu s-swieq għal konsenji lejn l-Amerika ta' Fuq, l-Amerika Ċentrali u l-Amerika t'Isfel, il-Lvant Nofsani u l-Asja/il-Paċifiku. Fil-każ tal-Litwanja u s-Slovakkja, ikunu s-swieq għal konsenji lejn il-Lvant Nofsani. Fl-aħħar nett, għal dak li jirrigwarda l-Estonja, l-Ungerija u l-Latvja, ikunu wkoll għal konsenji barra miż-ŻEE lejn id-dinja. Barra minn hekk, il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq moderat ta' inqas minn 40 % u fejn it-tielet kompetitur, wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' inqas minn 20 %. Fl-aħħar nett, hija analizzat ukoll f'aktar dettall is-swieq fejn is-sehem tat-tielet kompetitur ikun iżgħar miż-żieda li t-Tranżazzjoni ġġib magħha. Kollox ma' kollox, fuq il-bażi ta' dawn il-kriterji, 52 suq ġew analizzati f'aktar dettall individwalment għall-pajjiżi li ġejjin.

(52) *L-Awstrija*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-suq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Awstrija lejn il-Lvant Nofsani, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL [50-60] %. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] %.

(53) *Il-Belġju*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Belġju lejn l-Amerika ta' Fuq, fejn l-Entità Fuża ssir l-attur ewlieni fis-suq b'sehem mis-suq ta' [40-50] % u żieda ta' [5-10] %, segwita minn UPS b'[30-40] % u DHL b'[10-20] %. Hija analizzat ukoll f'aktar dettall is-swieq għal konsenji barra miż-ŻEE mill-Belġju lejn id-dinja, lejn l-Amerika Ċentrali u l-Amerika t'Isfel, lejn l-Asja/il-Paċifiku u l-Lvant Nofsani, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] % u t-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] %. F'dawn l-erbat iswieq, DHL jibqa' l-attur ewlieni fis-suq b'[40-50] %, [50-60] %, [40-50] % u [50-60] % rispettivament.

(54) *Il-Bulgarija*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Bulgarija lejn l-Amerika ta' Fuq, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [40-50] %, b'żieda ta' [5-10] %. DHL ikollha wkoll sehem ta' [40-50] % filwaqt li l-UPS tkun fit-tielet post b'sehem mis-suq ta' [10-20] %. Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Bulgarija lejn id-dinja, lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel u lejn il-Lvant Nofsani, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL, b'[50-60] % fit-tlitt iswieq. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] %, [5-10] % u [10-20] % rispettivament. Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-suq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Bulgarija lejn l-Asja/il-Paċifiku, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [20-30] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL [60-70] %. Il-perċentwal tat-tielet kompetitur (UPS) ikun ta' [5-10] %.

(55) *Il-Kroazja*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Kroazja lejn l-Asja/il-Paċifiku, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [20-30] % b'żieda ta' [5-10] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL [60-70] %. Wara li ssir it-Tranżazzjoni, UPS ikollha sehem mis-suq ta' [5-10] %.

(56) *Ċipru*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE minn Ċipru lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel, lejn l-Asja/il-Paċifiku, lejn il-Lvant Nofsani u lejn l-Afrika, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, b'żieda ta' [5-10] %. F'dawn is-swieq kollha, DHL tibqa' l-attur ewlieni fis-suq b'ishma fis-suq ta' [60-70] %, [60-70] %, [50-60] % u [50-60] % rispettivament. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [0-5] % fis-swieq lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel kif ukoll lejn l-Afrika u [5-10] % fis-swieq lejn l-Asja/il-Paċifiku u lejn il-Lvant Nofsani. Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall ukoll is-suq għall-konsenji barra miż-ŻEE minn Ċipru lejn id-dinja, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [20-30] % b'żieda ta' [5-10] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL [60-70] %. Il-UPS ikollha sehem mis-suq ta' [5-10] %.

(57) *Ir-Repubblika Ċeka*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mir-Repubblika Ċeka lejn id-dinja u lejn il-Lvant Nofsani, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL, b'[50-60] % fiż-żewġt iswieq. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] %. Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mir-Repubblika Ċeka lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel u lejn l-Asja/il-Paċifiku, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [20-30] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL, b'[60-70] % fiż-żewġt iswieq. Il-UPS ikollha sehem mis-suq ta' [5-10] %.

(58) *L-Estonja*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Estonja lejn id-dinja u lejn l-Amerika ta' Fuq, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [40-50] %, u [50-60] % rispettivament b'żieda

a' [10-20] % u [5-10] % rispettivament. Is-sehem ta' DHL għas-suq mill-Estonja lejn id-dinja jkun ta' [40-50] % u jkun ta' [20-30] % għall-Amerika ta' Fuq. Il-UPS tkun fit-tielet post b'sehem mis-suq ta' [10-20] % f'dawn iż-żewġ swieq. Il-Kummissjoni analizzat ukoll f'aktar dettall is-suq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Estonja lejn l-Asja/il-Paċifiku, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL b' [50-60] %. It-tielet kompetitur (UPS) ikollu sehem mis-suq ta' [5-10] %.

(59) *Franza*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE minn Franza lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel, lejn l-Asja/il-Paċifiku u lejn il-Lvant Nofsani, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL, b'[50-60] % [40-50] % u [50-60] % rispettivament. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] % f'dawn is-swieq kollha.

(60) *L-Ungerija*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Ungerija lejn id-dinja, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [40-50] %, b'żieda ta' [5-10] %. Is-sehem ta' DHL ukoll ikun ta' [40-50] % u UPS ikollha sehem mis-suq ta' [10-20] %. Il-Kummissjoni analizzat ukoll f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Ungerija lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel, lejn l-Asja/il-Paċifiku, lejn il-Lvant Nofsani u lejn l-Afrika, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL, b'sehem mis-suq ta' [40-50] %, [50-60] %, [40-50] % u [50-60] % rispettivament. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] % f'dawn is-swieq kollha.

(61) *L-Irlanda*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Irlanda lejn id-dinja u lejn l-Asja/il-Paċifiku, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] % b'żieda żgħira ta' [5-10] % fiż-żewġt iswieq, u tkun wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL b'[40-50] % u [50-60] % rispettivament. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] %.

(62) *Il-Latvja*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mil-Latvja lejn id-dinja, lejn l-Amerika ta' Fuq, lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel, lejn l-Asja/il-Paċifiku u lejn il-Lvant Nofsani, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [40-50] %, [50-60] %, [40-50] %, [40-50] % u [50-60] % rispettivament. F'dawn is-swieq, DHL ser ikollha sehem mis-suq ta' [40-50] %, [20-30] %, [30-40] %, [30-40] %, [30-40] % rispettivament u l-UPS tkun fit-tielet post bi [10-20] %, [10-20] %, [20-30] %, [20-30] %, [10-20] % rispettivament.

(63) *Il-Litwanja*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-suq għall-konsenji barra miż-ŻEE mil-Litwanja lejn il-Lvant Nofsani, fejn l-Entità Fuża jkollha, wara t-Tranżazzjoni, sehem mis-suq ta' [40-50] %, b'żieda ta' [5-10] %. DHL ikollha wkoll sehem mis-suq ta' [40-50] % filwaqt li l-UPS tkun fit-tielet post b'sehem mis-suq ta' [10-20] %.

(64) *Il-Lussemburgu*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mil-Lussemburgu lejn id-dinja, lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel u lejn il-Lvant Nofsani, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [20-30] %, b'żieda żgħira ta' [5-10] % wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL, b'[60-70] % fit-tlitt iswieq. Il-perċentwal tat-tielet kompetitur (UPS) ikun ta' [5-10] % fit-tlitt iswieq. Il-Kummissjoni analizzat ukoll f'aktar dettall is-suq għall-konsenji barra miż-ŻEE mil-Lussemburgu lejn l-Amerika ta' Fuq, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL b'[50-60] %. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] %.

(65) *Malta*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-suq għall-konsenji barra miż-ŻEE minn Malta lejn l-Amerika ta' Fuq, fejn l-Entità Fuża ssir l-attur ewlieni fis-suq b'sehem mis-suq ta' [40-50] % u żieda ta' [10-20] %, segwita minn DHL b'[30-40] % u UPS b'[20-30] %.

(66) *Il-Polonja*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mill-Polonja lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL, b'sehem mis-suq ta' [40-50] % fiż-żewġt iswieq. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] %.

(67) *Is-Slovakkja*: Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mis-Slovakkja lejn il-Lvant Nofsani, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [40-50] %, wara l-attur ewlieni fis-suq, li hu DHL, b' [50-60] %. Il-UPS ikollha sehem mis-suq ta' [0-5] % f'dan is-suq. Il-Kummissjoni analizzat f'aktar dettall is-swieq għall-konsenji barra miż-ŻEE mis-Slovakkja lejn id-dinja, lejn l-Amerika Ċentrali u t'Isfel u lejn l-Afrika, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [30-40] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL, b'[50-60] % fit-tlitt iswieq. It-tielet kompetitur (UPS), wara li ssir it-Tranżazzjoni, ikollu sehem mis-suq ta' [10-20] %, [5-10] % u [0-5] % rispettivament. Il-Kummissjoni analizzat ukoll f'aktar dettall is-suq għall-konsenji barra miż-ŻEE mis-Slovakkja lejn l-Asja/il-Paċifiku, fejn l-Entità Fuża jkollha sehem mis-suq ta' [20-30] %, wara l-attur ewlieni ċar fis-suq, li hu DHL b'[60-70] %. Il-UPS ikollha sehem mis-suq ta' [5-10] %.

(68) Fuq il-bażi tal-analiżi tal-Kummissjoni tas-sottomissjonijiet tal-Partijiet, id-dokumenti interni tal-Partijiet u r-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq, il-Kummissjoni waslet għall-konklużjonijiet li ġejjin dwar is-swieq imsemmija hawn fuq għal konsenji barra miż-ŻEE lejn id-dinja u r-rotot kummerċjali ewlenin: Fil-biċċa l-kbira tas-swieq, l-Entità Fuża se jkollha biss ishma tas-suq moderati; FedEx u TNT mhumiex kompetituri mill-qrib ta' xulxin; TNT ma tikkostitwix-xix forza kompetittiva importanti f'dawn is-swieq; DHL u l-UPS se jkollhom il-kapaċitajiet meħtieġa biex jillimitaw l-Entità Fuża b'mod effettiv, anki wara li tkun saret it-Tranżazzjoni; proporzjon kbir tas-sehem mis-suq ta' FedEx f'dawn ir-rotot effettivament ġej minn ftit klijenti prinċipali tal-Partijiet li jistgħu jibdlu faċilment, bir-riżultat li l-ishma mis-suq tal-Entità Fuża jibqgħu kontestabbli ħafna; u r-riżultati tal-investigazzjoni tas-suq kienu fil-biċċa l-kbira pożittivi jew newtrali f'dak li jikkonċerna l-impatt tat-Tranżazzjoni. Barra minn hekk, instab li jiġu ġġenerati effiċjenzi f'dawn is-swieq.

(69) Konsegwentement, fid-dawl ta' din il-valutazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-Tranżazzjoni ma tfixkilx b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fl-ebda suq nazzjonali msemmi hawn fuq għas-servizzi ta' konsenja ta' pakketti żgħar barra miż-ŻEE lejn id-dinja jew ir-rotot kummerċjali maġġuri tad-dinja.

4. *Impatt tat-Tranżazzjoni fuq l-SMEs*

(70) Ċerti parteċipanti fl-investigazzjoni tas-suq issuġġerew li t-tranżazzjoni x'aktarx li jkollha impatt akbar fuq l-SMEs, b'mod partikolari fil-forma ta' żidiet fil-prezzijiet. Allegatament, TNT bħalissa toffri prezzijiet aktar baxxi mill-integraturi l-oħra kollha, u għalhekk hija l-fornitur tal-għażla tal-SMEs involuti f'attivitajiet ta' kummerċ elettroniku. Skont dawn il-parteċipanti fis-suq, ġeneralment l-SMEs għandhom it-tendenza li jkollhom sors uniku, huma jiddependu fuq integraturi minħabba l-bżonn tagħhom għal tipi differenti ta' servizzi u ma għandhomx setgħa tan-negozjar u għalhekk "iħallsu l-aktar" billi jħallsu l-prezzijiet tal-lista. Bħala riżultat tat-Tranżazzjoni, żewġ kompetituri mill-qrib se jamalgamaw ruħhom u mhuwiex probabbli li l-Entità Fuża jkompli jkollha inċentiv biex tkun "integratur li jaġixxi għal rasu" fir-rigward tal-SMEs.

(71) Il-Kummissjoni kienet tal-fehma li dan mhuwiex il-każ għal numru ta' raġunijiet. L-ewwel nett, il-Kummissjoni investigat il-kwistjoni tal-SMEs fid-dettall matul l-investigazzjoni fil-fond. It-tweġibiet għal kwestjonarju indirizzat lill-SMEs urew li, b'mod simili għall-fehma tal-klijenti kollha, il-maġġoranza tal-SMEs kellhom fehma pożittiva jew newtrali dwar it-Tranżazzjoni globalment, kif ukoll dwar l-impatt tagħha fuq l-offerta ta' servizz u l-kwalità. Barra minn hekk, l-investigazzjoni tas-suq ma kkonfermatx it-tħassib li l-SMEs jiddependu fuq sors wieħed jew iħallsu l-prezzijiet tal-lista. L-SMEs li wieġbu għall-investigazzjoni tas-suq, inklużi dawk li huma attivi fil-kummerċ elettroniku, indikaw li huma ġeneralment jużaw bosta sorsi għall-konsenji express fiż-ŻEE u barra ż-ŻEE tagħhom. Il-maġġoranza l-kbira tal-SMEs li wieġbu indikaw li huma jinnegozjaw skontijiet skont il-volum; huma biss ftit minn dawk li wieġbu li ma jinnegozjaw l-ebda skont.

(72) It-tieni nett, il-Kummissjoni kkunsidrat li TNT ma setgħetx titqies bħala "attur li jaġixxi għal rasu" jew l-attur ewlieni tas-suq fis-settur tal-SMEs minħabba għadd ta' raġunijiet. Il-konsumaturi tat-TNT, bħal dawk ta' operaturi oħrajn, se jinnegozjaw rati fissi ta' skont ma' TNT bil-quddiem, biex ikunu jistgħu jqisu l-ispejjeż tat-trasport. Għalhekk, TNT mhix se tkun tista' tapplika prezzijiet varjabbli lill-klijenti tagħha skont l-użu mistenni tal-kapaċità tal-inġenju tal-ajru rilevanti f'ġurnata partikolari. Barra minn hekk, l-elastiċità tal-prezzijiet ta' servizzi ta' konsenja express hija baxxa ħafna. Għalhekk, jekk it-TNT tipprevedi li t-titjira tagħha fuq rotta partikolari tkun fil-biċċa l-kbira vojta, l-għoti ta' skonti lil klijenti eżistenti jew potenzjali ma jistax f'daqqa waħda joħloq domanda oġħla biex jintbagħtu oġġetti f'dik il-ġurnata u rotta. Dan huwa wkoll ikkonfermat mill-investigazzjoni tas-suq fejn il-maġġoranza tal-SMEs indikaw li jidħlu f'kuntratti qafas għal perjodu ta' żmien itwal minflok ma jagħmlu xiri *ad hoc* meta jkun meħtieġ.

(73) It-tielet, filwaqt li TNT xi kultant kellha kampanji mmirati lejn l-SMEs, dan ma jirriflettix pożizzjoni tas-suq strutturalment differenti iżda jista' jitqies bħala parti minn aġir kompetittiv normali biex jiġu attirati l-klijenti. TNT ma jistax jingħad li tapplika prezzijiet eċċessivament baxxi fuq bażi strutturali u bħala parti minn mudell ta' negozju distint għall-SMEs u ma tiddeterminax il-prezz tas-suq. Barra minn hekk, TNT ma espandietx aggressivament il-pożizzjoni tagħha fis-suq fis-settur tal-SMEs.

(74) Ir-raba', il-Kummissjoni qieset ukoll li, kif diġà ġie indikat aktar 'il fuq, il-Partijiet ma kinux kompetituri partikolarment mill-qrib. Lanqas ma jidher li pprovdew xi prodott differenzjat speċifikament lil grupp partikolari ta' SMEs jew li għandhom enfasi fuq dawn il-klijenti li integraturi oħra ma setgħux jipprovdu jew mhumiex qegħdin jipprovdu wkoll. Kemm DHL kif ukoll UPS diġà qed jipprovdu offerti ta' servizz individwalizzat fuq is-siti web tagħhom għall-SMEs. Il-maġġoranza l-kbira ħafna ta' kompetituri li rrispondew ikkonfermaw li l-ħtiġijiet tal-SMEs f'dak li għandu x'jaqsam ma' konsenji ta' pakketti żgħar mhumiex differenti minn dawk ta' negozji oħra u li s-servizzi lill-SMEs ma jeħtieġu l-ebda assi jew riżorsi addizzjonali.

(75) Konsegwentement, fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li t-tranżazzjoni ma tfixkilx il-kompetizzjoni effettiva wkoll fir-rigward tas-servizzi lill-SMEs.

V. **KONKLUŻJONI**

(76) Minħabba r-raġunijiet li ssemmew hawn fuq, id-Deċiżjoni tikkonkludi li t-Tranżazzjoni mhijiex se tostakola b'mod sinifikanti l-kompetizzjoni effettiva fis-suq intern jew f'xi parti sostanzjali tiegħu.

(77) Konsegwentement, il-konċentrazzjoni hija ddikjarata kompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-Ftehim ŻEE, skont l-Artikolu 2(2) u l-Artikolu 8(1) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet u l-Artikolu 57 tal-Ftehim ŻEE.